*- kontumaċja*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 10 TA' DIĊEMBRU, 2020.**

**Rikors Nru. 56/20GM**

**Estrestates Ltd**

**vs**

**Med Connections Ltd**

**Il-Qorti,**

Permezz tar-Rikors Ġuramentat minnha ppreżentat, is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet illi:-

1. Ġiet mqabbda mis-soċjeta` konvenuta sabiex twettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni u finishings.
2. Il-korrispettiv dovut lis-soċjeta' attriċi llum jammonta għal €39,058.00 u dan kif jirriżulta minn kopja tal-istatement relattiv, anness, esebit u mmarkat bħala Dok A.
3. Is-soċjeta' konvenuta ma ħallsitx dan il-kont nonostante l-fatt li x-xogħlijiet tlestew.

4. Minkejja li kienet debitament interpellata sabiex tħallas dak dovut minnha, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti.
5. Dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tas-soċjeta' attriċi.
6. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija debitur tagħha fis-somma ta' €39,058.00;
2. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha l-ammont ta' €39,058.00.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 281/19 ta' l-24 ta' Jannar 2019, u tal-Mandati kawtelatorji intavolati kontestwalment ma' dan l-Att, u l-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura, kontra s-soċjeta` konvenuta, li ġiet inġunta għas-subizzjoni.

Is-soċjeta` konvenuta għalkemm notifikata bir-rikors ġuramentat tal-attriċi u bl-avviz tas-smiegħ fit-30 ta' Jannar 2020[1] baqgħet ma ppreżentat l-ebda nota ta' eċċezzjonijiet.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semgħet lil Dr Jean Pie Gauci Maistre li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas mis-soċjetà konvenuta.

[1] a tergo ta' fol 9 tal-proċess

Rat il-verbal tagħha tat-22 ta’ Ottubru li permezz tiegħu tat terminu ta’ għaxart ijiem lis-soċjeta’ konvenuta sabiex tippreżenta nota ta sottomissjonijiet iżda baqgħet ma preżentat xejn.

Rat l-atti l-oħrajn tal-kawża.

U billi hija sodisfatta li s-soċjeta` attriċi ppruvat il-kreditu tagħha fil-konfront tal-konvenuti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta bħala debitriċi tas-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ €39,058.00.

2) Tilqa’ t-tieni talba billi tikkundanna lil istess soċjeta’ konvenuta tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta’ €39,058.00 bl-imgħax legali mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 281/19 ta’ l-24 ta’ Jannar 2019, u tal-mandati kawtelatorji intavolati kontestwalment ma’ dan l-Att, a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija

GRAZIO MERCIECA

IMHALLEF